MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Rikors Numru. 8/2004/1

**I.T.C. LIMITED**

**vs**

**AVUKAT ĠENERALI, il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi, u d-Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Frar, 2004, li bih il-kumpannija I.T.C. Ltd. li bih ippremettiet:

Illi l-esponenti kienu tefgħu offerta għall-kuntratt għal hekk imsejħa 'EU Accession Celebration – Tender for the design, organization and management of a quality national event on the eve of May 1, 2004' li ħareg b'sejħa għall-offerti għall-pubbliku;

Illi fil-process ta' aġġudikazzjoni tal-istess sejħa għall-offerti ġie deċiż mid-direttur tal-kuntratti u iżjed senjatament mill-kumitat tal-kuntratti wara li l-istess ħadu parir mill-'Adjudicating Board' tal-Ministeru għaż-Żagħżagħ u Kultura li l-kuntratt ma jingħatax lir-rikorrenti imma minflok jingħata lill-konsorżju magħruf bħala Welcome Europe li wkoll kien ipparteċipa f'dik is-sejħa għall-offerti billi tefa' l-offerta tiegħu;

Illi fil-5 ta' Frar, 2004 l-esponent ippreżenta avviż ta' oġġezzjoni kontra tali deċiżjoni kif previst mir-regolamenti applikabbili, liema ittra qegħda tiġi hawn esebita u markata Dokument A, u sussegwentement, fit-terminu stabbilit mir-regolamenti, ippreżenta l-ittra motivata ta' oġġezzjoni għall-istess kopja ta' liema hi hawn esebita u markata Dokument B;

Illi fis-16 ta' Frar, 2004, Lou Bondi għall-konsorżju Welcomeurope irrisponda bl-ittra hawn esebita u markata Dokument C;  wara din l-ittra sar ir-rapport analitiku mir-rappreżentant tad-Direttur tal-Kuntratti li qiegħed jiġi hawn esebit u markat Dokument D;

Illi fid-19 ta' Frar, 2004, il Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi sejjaħ laqgħa biex jiddiskuti dan l-appell, liema laqgħa damet sejra, salv xi interruzzjoni, mid-disgħa ta' fil-għodu sad-disgħa ta' fil-għaxija.  Din kienet l-unika laqgħa li żamm dan il-Bord fil-każ.  Fil-bidu tal-laqgħa l-appellanti talbu li l-Bord jordna l-esebizzjoni ta' diversi dokumenti. Fost id-dokumenti li ntalbu li jiġu esebiti mill-appellanti kien hemm ir-rapport li kien ġie imħejji mill-Adjudicating Board dwar l-offerti mitfugħa f'din il-gara, kif ukoll l-offerti mitfugħa mid-diversi parteċipanti fil-gara.  Il-Bord ta' l-Appell naqas li jordna li l-istess dokumenti u d-dokumenti l-oħra kollha li r-rikorrenti talbu li jiġu prodotti fir-rigward tal-każ tagħhom, li dawn jiġu prodotti.  Għajr  għall-siltiet żgħar ħafna mir-rapport tal-'Adjudicating Board' id-dokumenti mitluba mill-appellanti baqgħu ma ġewx esebiti quddiem il-Bord tal-appell.  B'dan il-mod l-esponenti ġew imċaħħda milli jkollhom smiegħ xieraq quddiem l-istess Board tal-Appell billi ġew privati mill-possibilita' li jipproduċu jew jġiegħelu li jiġu prodotti quddiem l-istess

bord dokumenti li kienu determinanti għall-smiegħ tal-każ tagħhom b'mod xieraq;

Illi b'konsegwenza ta' dawn il-proċeduri ġew vjolati fil-konfront tar-rikorrenti d-dritt tagħhom għall-smiegħ xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-istess fuq imsemmija gara għall-appalt fuq riferit u b'dan il-mod ġew miksura fil-konfront tagħhom l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, l-ewwel skeda tal-Kapitolu 319;

Rat li l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li bil-proċeduri miżmuma quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi, u iżjed bir-rifjut ta' dak il-Bord li jħalli li ssir l-esibizzjoni u l-eżami ta' dokumenti mitluba mill-istess kumpannija rikorrenti, ġie miksur id-dritt tagħha għal smigħ xieraq fid-determinazzjoni tad-dritt tagħha dwar il-gara tal-appalt għall-finijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u biex din il-Qorti tagħtiha r-rimedji xierqa u opportuni biex tagħmel (*sic.)* tajjeb għall-dina l-leżjoni;

Rat is-sitt (6) dokumenti mehmuża mal-imsemmi Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2004, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-4 ta' Marzu, 2004;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-2 ta' Marzu, 2004, li biha l-intimati Avukat Ġenerali u Direttur tal-Kuntratti eċċepew:

**Preliminarjament:**

1. Illi l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni stante illi dan m'huwiex il-każ illi r-rikorrent ma tistax tirrivolġi talbiet tagħha kontra xi Dipartiment wieħed jew iżjed tal-Gvern;

2. Illi l-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti m'huwiex azzjonabbi bħala korp morali u ma għandu ebda

personalita' ġuridika indipendenti mill-membri tiegħu u ma jistax ikun konvenut f'din il-kawża bħala Bord;

3. Illi l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti in kwantu jeżerċita funzjoni ġudikanti, dejjem fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, in forza ta' liġi m'huwiex azzjonabbli;

4. Illi fi kwalunkwe każ huwa indikat illi din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt l-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Kap 319 stante l-eżistenza ta' meżżi oħra ta' rimedju u senjatament il-fakolta ta' revizjoni ġudizjarja tad-deċiżjoni tal-Bord b'ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, jekk huwa allegat illi dik id-deċiżjoni kienet tikkostitwixxi ksur tal-liġi;

**Fil-mertu:**

5. Illi l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi filwaqt illi hija bażata fuq allegat ksur tad-dritt għas-smiegħ xieraq fid-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili (Art. 39 kost. Art 6 ECHR), il-fatti tal-każ, u partikolarment il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' offerti, ma jippreżentaw ebda apparenza ta' xi proċess illi jiddetermina drittijiet jew obbigi ċivili;

6. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess, illi l-miżuri li ħa l-Bord tal-Appelli għall-protezzjoni tas-segrieti kummerċjali u biex ma jsirx abbuż mill-proċeduri li saru quddiemu għall-iskop illi tiġi svelata b'kapriċċ l-istrateġija kummerċjali ta' kompetitur kienu miżuri neċessarji u proporzjonati intiżi għall-protezzjoni ta' drittijiet liema miżuri ma ippreġudikawx id-dritt għal smiegħ xieraq li seta' talvolta eżista;

7. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2004, fejn ġie deċiż li l-ewwel issir it-trattazzjoni tar-raba' eċċezzjoni tal-intimati;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija rikorrenti għar-rigward;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fis-16 ta' Marzu, 2004[1], mill-intimati dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti fis-16 ta' Marzu, 2004[2], dwar l-istess eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degrieti tagħha tal-4 ta' Marzu, 2004, u tat-2 ta' April, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija raba' eċċezzjoni tal-intimati;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, l-kumpannija rikorrenti qegħda tgħid li l-intimati kisrulha l-jedd fondamentali ta' smigħ xieraq fi proċeduri ta' appell li saru wara li saret sejħa għal offerti għall-pubbliku dwar attivita' ta' ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Il-kumpannija rikorrenti kienet tefgħet offerta, iżda l-għażla marret fuq organiżżazzjoni oħra li ikkonkorriet ukoll. Il-kumpannija rikorrenti ressqet avviż ta' oġġezzjoni dwar l-għażla li saret u nżammet laqgħa mill-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi biex jiħi trattat l-appell tagħha. Il-kumpannija rikorrenti tgħid li r-rapport tal-Bord tal-Għażla li bis-saħħa tiegħu kienu ġew mistħarrġa l-offerti mressqa ma kienx tħalla jitressaq mill-Bord tal-Appell imsemmi ħlief għal xi siltiet minnu. Minħabba f'hekk, l-kumpannija rikorrenti tgħid li ma kellhiex smigħ xieraq fid-determinazzjoni ta' dritt tagħha dwar il-gara għall-appalt tal-imsemmija ċelebrazzjonijiet;

Illi, għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet kemm ta' xejra preliminari u oħrajn fil-mertu. F'tal-ewwel, jingħad li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-

[1] Paġġ. 69 sa 71 tal-proċess
[2] Paġġ. 72-5 tal-proċess

kontradittur leġittimu, u li l-Bord tal-Appell intimat m'huwiex azzjonabbli għaliex m'huwiex persuna ġuridika indipendenti u, fil-qadi tal-"funzjoni ġudikanti" tiegħu m'huwiex sindakabbli. Jgħidu wkoll li, billi l-kumpannija rikorrenti kellha meżżi oħrajn ta' rimedju għad-dispożizzjoni tagħha, din il-Qorti jmissha tieqaf milli twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Fil-mertu, l-intimati jgħidu li l-azzjoni m'hijiex mistħoqqa għaliex il-proċess tal-appell ma jirrappreżenta l-ebda xbieha ta' proċess li jiddetermina drittijiet jew obbligi ċivili, u li l-miżuri li ħa l-Bord tal-Appell kienu f'posthom u maħsuba biex iħarsu s-"sigrieti kummerċjali" tal-konkorrent kompetitur tal-istess kumpannija rikorrenti fil-gara;

Illi ġie mfisser mill-intimati waqt is-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2004, li r-rimedju alternativ li huma jgħidu li kellha l-kumpannija rikorrenti kien dak ta' azzjoni quddiem Qorti kif maħsub u mfisser fir-Regolament numru Tmintax (18) tad-Disa' Skeda tal-Avviż Legali 70 tal-1996;

Illi minħabba li l-kumpannija rikorrenti qegħda tressaq ilment tagħha kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[3];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-

[3] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)

rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[4]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[5];

Illi meta jingħad li jkun hemm riemedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[6]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[7];

---

[4] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[5] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[6] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[7] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[8]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[9];

Illi hemm fehma awtorevoli oħra li trid li, fil-qasam ta' dritt kostituzzjonali, il-ksur tal-jedd fondamentali taħt eżami jista' u kellu jissewwa b'rimedju xieraq kull meta l-parti mġarrba tagħti prova li dan seħħ, u dan indipendentement mill-andament li jkunu ħadu l-proċeduri li dwarhom jitqajjem l-ilment tan-nuqqas ta' smigħ xieraq, u indipendentement minn jekk il-persuna mġarrba irrikorrietx għar-rimedji ordinarji disponibbli lilha. Mhux hekk biss, iżda ngħad ukoll li fejn il-ksur tad-dritt, kif ippruvat, kien ġab miegħu iċ-ċaħda ta' jedd fondamentali tal-persuna, għal xi raġuni li tkun imqar jekk minħabba żball ta' ħaddieħor u mhux bi ħtija tagħha, il-Qorti m'għandha qatt teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li ma teżerċitax is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-ilment[10];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju

[8] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[9] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

[10] Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.370**)

kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[11]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[12]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[13];

Illi fil-każ preżenti, l-intimati jisħqu li r-rimedju li kien disponibbli lill-kumpannija rikorrenti huwa wieħed ċar u effettiv, minbarra li huwa wkoll tassativ. Jinsistu li r-rimedju kostituzzjonali jew konvenzojnali japplikaw biss f'sitwazzjonijiet fejn id-dritt ordinarju ma jagħtix rimedju. Jgħidu li l-proċedura preżenti meħuda mill-kumpannija rikorrenti hija abbużiva u kapriċċuża. Ifissru li r-rimedju

---

[11] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[12] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[13] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

ordinarju, ukoll kieku ma kienx stabilit fir-Regolament 18 fuq imsemmi, kien ikun japplika taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12, jiġifieri l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv, li, fost l-oħrajn, jieħu ħsieb jagħti smigħ ukoll fejn l-għamil amministrattiv jitqies li jikser il-Kostituzzjoni[14];

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija rikorrenti tgħid li l-jedd tagħha li tressaq il-proċedura kostituzzjonali mill-ewwel u s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' u tibqa' tqis l-azzjoni tagħha joħorġu mill-fatt li mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Kuntratti Pubbliċi ma hemmx dritt ta' appell, u li r-Regolament 18 huwa vag u bla għoti tal-ebda rimedju. Hija tgħid li r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha ta' smigħ xieraq fl-imsemmija proċeduri tal-appell għandu jwassal għat-tħassir ta' dawk il-proċeduri;

Illi wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, u wara li qieset il-prinċipji stabiliti dwar kif din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk għandhiex teżerċita s-setgħa tagħha li tkompli tisma' l-każ, tasal għall-fehma li ma teżistix raġuni tajba u impellenti biżżejjed biex tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati. Mhux biss ma jidhirx ċar jekk kienx hemm tassew rimedju "ordinarju" alternattiv li, kieku ttieħed, ma kienx ukoll "iqanqal kwestjoni kostituzzjonali" fih innifsu, imma jista' jingħad mingħajr tlaqliq li din il-Qorti tkun qegħda tabdika b'mod mhux raġonevoli mis-setgħat tagħha kostituzzjonali jew konvenzjonali li kieku kellha tqis li l-ilment tal-kumpannija rikorrenti kien marbut biss mal-fatt (kif donnhom jimplikaw l-intimati) li l-appalt ma ngħatax lilha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati bħala mhix mistħoqqa u f'lokha, u qegħda tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha kemm taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319, billi tkompli tisma' l-kawża;

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jiġu deċiżi mas-sentenza aħħarija.

---

[14] Art. 469A(1)(a) tal-Kap 12

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------